11

# Emmaus

A JOURNAL OF PHILOSOPHICAL, THEOLOGICAL, AND HUMANISTIC STUDIES


- La Vocazione: Chiamata alla libertà nella libertà 3
- Il-Kelma t'Alla fil-ħajja u l-missjoni tal-Knisja: Riflessjonijiet fuq l-Eżortazzjoni Apostolika Post-Sinodali *Verbum Domini* 15
- John Paul II's 'Theology Of The Body' after 25 Years 28
- Cristo è la via dell'uomo: Il legame indissolubile tra l'umano e il cristiano in Giovanni Paolo II 76


Sacred Heart Seminary
Gozo - Malta

2010 - 2011

# Emmaus

A JOURNAL OF PHILOSOPHICAL, THEOLOGICAL, AND HUMANISTIC STUDIES,
published by the Sacred Heart Seminary - Gozo - Malta.
Founded 1999

**No 11 (2010-2011)** **ISSN 1563-0137**

**Editorial Board:** Major Seminary Academic Council
(Joseph Bezzina, Anton Borg, Daniel Grech, Saviour Grima, Emanuel Magro, Joseph Sultana, Daniel Xerri)

All correspondence to be addressed to:

The Editor
Emmaus
Sacred Heart Seminary
Victoria-Gozo
VCT 2042
MALTA.

Printed by Gozo Press • Gozo-Malta

© Sacred Heart Seminary, Gozo-Malta 2011



MICHAEL CURMI

# LA VOCAZIONE
## Chiamata alla libertà nella libertà

Oggi è un fatto molto noto che nella gente continua a crescere l'interesse di fare un'esperienza che va al di lá dal mero essere fenomenologico nostro. Si sente molto il bisogno di fare una esperienza religiosa, dove la persona, in un modo o l'altro possa entrare in contatto con quella realtà trascendente, superiore e soprannaturale.

Nel tema che stiamo per sviluppare vedremo che inoltre a questo, nell'uomo c'è ancora un altro tipo di ricerca e di curiosità. Mi sto riferendo proprio alla sua *vocazione* come essere umano nel mondo, e questo è sempre in relazione con gli *altri* che stanno accanto e che spesso sono i destinatari di questa chiamata.

Questi tipi di ricerca dell'uomo che sembrano che far parte integrale del suo DNA fisico-spirituale sono sempre strettamente collegati con l'offerta gratuita della grazia divina: è Dio che crea, è lui che chiama, ed è lui che suscita nell'uomo delle curiosità inerenti al suo essere per cercare delle realtà necessarie per il suo essere umano-spirituale.

Le realtà e il bisogno delle esperienze religiose come quella della vocazione dell'uomo, oggi ormai sappiamo che non sono sporadiche e riservate soltanto a qualche fascia privilegiata di persone, ma esse fanno parte di ogni essere umano che vive. Perciò tutte le persone hanno la capacità di scoprirle.

Il tema della vocazione, ordinariamente intesa come la *chiamata-proposta* che Dio fa all'uomo si trova sin dalle esperienze originarie dell'incontro tra Dio e l'uomo, così come raccontate sin dal primo libro della Bibbia – la *Genesi*. L'essere umano si riconosce e si realizza quando egli accoglie la proposta per il suo proprio bene[1] tramite il suo incontro con Dio e più che altro, dato che la vocazione è anche un carisma, essa è indirizzata verso il bene degli altri.

[1] Rm 8,28

➤ I desideri, quando sono fondamentali per la persona, motivano il suo essere e agire. Su questo c'è da ricordare, che esiste una convergenza tra le aspirazione più profonde della persona umana e le chiamate mediate e immediate di Dio.

➤ Infine all'uomo è sempre data la capacità e la libertà di collaborare con la grazia, "scegliendo ciò che ha un significato di realizzazione per la propria vita". È solo così che egli può realizzare se stesso. "Ogni altro esercizio della libertà che è inconsistente con tale struttura e orientamento... non è uso, ma abuso" della libertà, e questo impedisce la persona di far fruttificare la grazia al massimo.[33]

## *Bibliografia*


### Testi

IGNAZIO DI LOYOLA, *Esercizi Spirituali*.

LADARIA, L.F., *Antropologia teologica*, Casale Monferrato 1998².

MANENTI, A., *Vivere gli ideali, fra paura e desiderio*, I, Bologna 1988.

RAHNER, K., *L'elemento dinamico nella chiesa, quaestiones disputatae*, Morcelliana, Brescia 1970.

RULLA, L.M., *Antropologia della vocazione cristiana*, I, Bologna 1997².

———, *Antropologia della vocazione cristiana*, III, *Aspetti interpersonali*, Bologna 1997.

———, *Psicologia del profondo e vocazione*, Casale Monferrato 1989.

RULLA, L.M. – IMODA, F. – RIDICK, J., *Antropologia della vocazione cristiana*, II, *Conferme esistenziali*, Bologna [illegible].

SZENTMÁRTONI, M., *Psicologia della Vocazione Religiosa e Sacerdotale*, Roma 2005².

### Opere in collaborazione

CARDINALI, M. – [illegible], F., *Studenti all'opera... L'intervista*, in *La Gregoriana*, n 36, anno XIV, Novembre 2009, pp 32-35.

SCIPIONI, P., *"...alla fine ho detto il mio sì"*, in PEDICO, M. (dir.), *Consacrazione e Servizio*, V, Maggio 2008, pp 33-36.


[33] Cfr L.M. RULLA, *AVC*, III, pp 425-426, passim.



PAUL SCIBERRAS

# IL-KELMA T'ALLA FIL-ĦAJJA U L-MISSJONI TAL-KNISJA

## Riflessjonijiet fuq l-Eżortazzjoni Apostolika Post-Sinodali *Verbum Domini*

### Il-perspettiva tal-Eżortazzjoni

Jekk l-Eżortazzjoni Apostolika Post-Sinodali *Verbum Domini* hija l-iktar dokument ekkleżjali importanti li jitkellem fuq il-Kelma ta' Alla wara l-Kostituzzjoni Dommatika tal-Konċilju Vatikan II, *Dei Verbum*, diġà mill-isem biss li ngħatat din l-Eżortazzjoni tidher tendenza ta' emfasi:

*Dei Verbum* tiffoka fuq il-Kelliem Divin, li tiegħu hija l-Kelma tar-Rivelazzjoni u dik miktuba;

*Verbum Domini* tiffoka iktar fuq il-Kelma nfisha. Fil-fatt nistgħu ngħidu mill-ewwel li *Verbum Domini* tat lura l-valur fundamentali tal-Kelma miktuba fit-TQ li bid-*Dei Verbum* kien donnu tnaqqar kemm xejn.

Il-publikazzjoni tal-Eżortazzjoni *Verbum Domini* ssegwi t-12-il Assemblea Ġenerali tas-Sinodu tal-Isqfijiet, li sar fl-2008, bit-tema "Il-Kelma ta' Alla fil-ħajja u l-missjoni tal-Knisja". Ħarġet fil-11 ta' Novembru, imma ġġib id-data tat-30 ta' Settembru, tifkira ta' San Ġlormu, li żgur ma għandu bżonn l-ebda introduzzjoni fil-Knisja bħala dak li taha l-Bibbja Uffiċjali tagħha għal aktar minn 1,500 sena, u dak li tana l-massima: "Min ma jafx l-Iskrittura ma jafx lil Kristu" (*In Isaiam, Prol.*; cf. *Tractatus de Psalmis* 77. PL 24,17).

*Verbum Domini* tingħaqad ma' *Dei Verbum* u t-tliet enċikliċi *Providentissimus Deus* tal-Papa Ljun XIII (1893), *Spiritus Paraclitus* tal-Papa Benedittu XV (1920) u *Divino Afflante Spiritu* tal-Venerabbli Piju XII (1943), biex flimkien jagħtuna l-ħaġra miljari fl-iżvilupp tat-tagħlim Kattoliku dwar l-Iskrittura. Fil-fatt, wieħed mill-għanijiet tas-Sinodu kien li jirrevedi l-implimentazzjoni tad-direttivi dwar l-Iskrittura li ħarġu mill-Konċilju Vatikan II, l-aktar fid-*Dei*

*Verbum*, u biex jiżen sewwa kif il-Knisja qegħdha tilqa' l-isfidi tad-dinja ta' llum bil-Kelma ta' Alla f'qalbha u f'idha u f'riġlejha: "Musbieħ għal riġlejja l-Kelma tiegħek, u dawl fil-mogħdija tiegħi" (S 119, 105).

Dan is-Salm għandu strofi daqs kemm hemm konsonanti fl-alfabett Lhudi: tnejn u għoxrin strofa. Huwa akrostiku mibni fuq il-konsonanti tal-alfabet Lhudi. Anzi kull strofa fiha tmien versi, u kull strofa hija mibnija fuq tmien kelmiet differenti għat-Torah/Kelma ta' Alla. Is-salmista ried li anke b'dan il-mod juri li l-Kelma/t-Torah ta' Alla, li fuqha jitkellem is-Salm, tgħid dak kollu li hemm xi tgħid dwar il-ħajja, għax jiġbor fih l-alfabett kollu u l-kliem Lhudi kollu li huma sinonimi għal Torah/Kelma ta' Alla. Dietrich Bonhöffer kien kiteb: "Bla dubju, is-Salm 119 hu partikolarment peżanti minħabba t-tul tiegħu u l-monotonija li jirrifletti. Imma propju għalhekk jeħtiġilna nimxu kelma b'kelma, frażi frażi, bil-mod ħafna, b'kalma u b'galbu kbir, b'ħafna paċenzja. Imbagħad niskopru li dawk li jidhru ripetizzjonijiet huma fir-realtà uċuħ ġodda tal-istess realtà waħda: l-imħabba għall-Kelma ta' Alla u n-namur magħha. Hekk kif din l-imħabba ma tista' qatt ikollha tmiem, hekk ukoll ma għandhomx tmiem il-kliem li jistqarruha. Il-kliem tiegħu jistgħu jakkumpanjawna tul ħajjitna kollha, u fis-sempliċità tagħhom isiru t-talba tat-tifel, tar-raġel u tal-anzjan" (*Die Psalmen. Die Gebetbuch der Bibel*, Bad Salzuflen: MBK Verlag 1940; [14]1995; verżjoni Taljana: *Pregare i Salmi con Cristo*, Brescia [2]1978, 48). Dan ix-xogħol ta' implimentazzjoni u ri-evalwazzjoni fid-dawl tal-Kelma ta' Alla, is-Sinodu jħoss li ma jistax jieqaf (ara §3).

## L-objettiv tal-Eżortazzjoni

Il-paragrafu li jiftaħ l-Eżortazzjoni: "B'dan il-mod", jgħid il-Papa Benedittu, "nixtieq li niġbed l-attenzjoni għal ċerti approċċi fundamentali lejn skoperta mill-ġdid tal-Kelma ta' Alla fil-ħajja tal-Knisja, bħala għajn ta' tiġdid kontinwu. Fl-istess ħin, nixtieq nesprimi t-tama tiegħi li l-Kelma tieħu postha dejjem iżjed fil-qalba ta' kull ħidma ekkleżjali" (§1). Ninnutaw li sa mill-bidu nett tal-Eżortazzjoni, il-Papa jemfasizza l-Kelma bħala l-qofol tagħha. Minħabba l-perspettiva inkarnazzjonali tal-Eżortazzjoni sħiħa, it-tlaħħim ta' ħsieb u riedet Alla fil-Kelma (Persuna u miktuba) ma jistax ma jkunx sottolineat il-ħin kollu.

Distinzjoni meħtieġa qatigħ fl-Eżortazzjoni hija r-relazzjoni bejn il-Kelma ta' Alla u l-Poplu ta' Alla; il-Poplu Nisrani: "Il-fidi Kristjana mhijiex 'reliġjon tal-Ktieb'. Il-Kristjaneżmu huwa '*reliġjon tal-Kelma ta' Alla*,' mhux 'tal-kelma miktuba u muta, imma tal-Kelma Inkarnata u ħajja'" (§7). Issa dan ifisser li l-kelma li ssalva għaddiet minn moħħ Alla, tlaħħmet meta ġiet rivelata, ikkristallizzat ruħha meta nkitbet fi kliem il-bnedmin, inkarnat b'mod personali fil-persuna tal-Iben ta' Alla ... imma li issa trid tgħaddi minn kelmiet miktuba, għal Kelma mgħixa, għal ħajja konkreta.

## It-taqsimiet tal-Eżortazzjoni

*Verbum Domini* hija mqassma fi tliet partijiet ewlenin. **L-Ewwel Taqsima**, bit-titlu *Verbum Dei* (wieħed jinnota li anke hawn l-idea tal-Kelma hija mogħtija l-emfasi: mhux *Dei Verbum* imma *Verbum Dei*), tispjega "d-dimensjoni Trinitarja tar-rivelazzjoni", li fiha "Alla l-Missier, għajn u oriġini tal-Kelma" jirrivela lilu nnifsu lill-umanità; lill-bniedem: *Alla li jitkellem*. Il-Papa jsejjaħ l-Inkarnazzjoni tal-Verb bħala l-aqwa espressjoni u l-espressjoni finali tal-kondixxendenza ta' Alla (§§11-12). Din ir-rivelazzjoni tilħaq il-qofol tagħha fi Kristu. Fi Kristu Alla rrivela lilu nnifsu kompletament (§§12.14). Allura l-Ewwel Taqsima tagħti l-linji ġenerali tas-sinifikat tal-Inkarnazzjoni; tal-Verb li sar bniedem. L-Inkarnazzjoni tfisser ukoll li r-rivelazzjoni ta' Alla saret fiż-żmien u fl-ispazju, u dan jimplika minnu nnifsu l-kunċett tal-ispirazzjoni, jiġifieri li r-rivelazzjoni tħaddan kemm l-element divin imma wkoll dak uman (§19). Imbagħad tiddiskuti t-tweġiba tal-bniedem għall-Kelma ta' Alla, biex wara tagħti riflessjoni pjuttost twila fuq is-suġġett tal-interpretazzjoni tal-Iskrittura. Għalhekk l-ewwel kapitlu jistħarreġ ir-relazzjoni bejn l-Ewkaristija u r-rivelazzjoni. Il-Papa Benedittu jkompli jistħarreġ it-tweġiba tal-bniedem lil Alla li jinkixef quddiem il-kreatura tiegħu stess, l-aktar fit-talb. Alla jsejjaħ lill-bniedem fi djalogu miegħu (§23). "*Alla jisma' lill-bniedem*" fil-parti *It-tweġiba tal-bniedem lil Alla*, jgħidilna l-§23: "Huwa deċisiv, mill-punt di vista pastorali, li l-Kelma tiġi ppreżentata fil-kapaċità tagħha li tidħol fi djalogu mal-problemi ta' kuljum li l-bnedmin iħabbtu wiċċhom magħhom ... Il-ħidma pastorali tal-Knisja teħtieġ li toħroġ għad-dawl b'mod ċar kif Alla jisma' l-bżonnijiet tagħna u l-karbiet ta' qalbna għall-għajnuna". Hekk għamel Alla meta daħħal lil Marija, mudell per eċċellenza ta' dan id-djalogu bejnu u bejn il-bniedem, djalogu mxappap bi smigħ mimli fidi tal-Kelma (§27). Il-Papa għandu espressjoni sabiħa u profonda tassew f'dan ir-rigward: "Għax Marija kienet mimlija kollha kemm hi bil-Kelma ta' Alla, setgħet issir ukoll Omm li tnissel u twelled il-Kelma Inkarnata" (§28). Marija nisslet il-Verb ta' Alla f'ġufha għax qabel nisslitu f'qalbha.

Hawnhekk nistgħu nagħmlu riflessjoni pastorali. Aħna u l-poplu tagħna drajna, pjuttost iżżejjed, li l-ħajja tal-fidi tagħna tiġi ridotta għal relazzjoni ma' regolamenti u preċetti u kmandamenti, aktar milli ħajja miftuħa għal relazzjoni personali, jiġifieri ta' persuna u persuni (Knisja) ma' persuna oħra; Alla. Minħabba f'hekk, l-omeliji tagħna donnhom bilfors ikunu moralistiċi. Il-mod li bih nikkwotaw l-Iskrittura huwa biex nippruvaw *statements* li nkunu għamilna, mod apoloġetiku, minflok l-Iskrittura bħala *anima theologiæ*. Ninnutaw li din il-ħaġa kien indirizzaha Ġesù nnifsu, meta fid-Diskors tal-Muntanja, f'Mt 5-7, jiżvixxra l-kmandamenti bħala regolamentazzjonijiet tal-ħajja u mhux bħala mezzi għal relazzjoni iktar personali. Ġesù jdaħħal il-perspettiva tiegħu fl-ubbidjenza tal-kmandamenti: "Smajtu x'intqal (la toqtolx, tagħmilx adulterju, tagħmilx divorzju, taħlifx fil-falz, tpattix, ħobb 'l għajrek u obgħod lill-għadu tiegħek ...) ... imma *jien* ngħidilkom." L-esperjenza pastorali turina li l-fidi tagħna ma tistax tiġi ridotta għal dan it-tip ta' Kristjaneżmu. Allura l-post tal-Kelma ta' Alla, li tagħtina din il-perspettiva personali ma' Alla, għax hemm djalogu kontinwu bejnu u bejna, djalogu li jilħaq il-qofol tiegħu fid-djalogu tal-Inkarnazzjoni, fejn qiegħed fina u fil-familji u fil-poplu tagħna? X'qiegħed isir biex dan il-post tal-primat tal-Kelma ta' Alla jissaħħaħ?

Wara, il-Papa jikteb dwar l-*interpretazzjoni tal-Iskrittura, l-ermenewtika tal-Iskrittura fil-Knsija*, ir-rwol awtorevoli tal-Knisja, li tiggwida dik l-interpretazzjoni, u l-ħtieġa li tiġi evitata x-xabla biż-żewġt ixfar tagħha tal-approċċi tal-fundamentaliżmu u tas-sekulariżmu. Il-Papa jisħaq li l-Iskrittura ma tistax tiftiehem kif għandu jkun:

1) jekk mhux f'attitudni ta' fidi ħajja,
2) jekk ma tingħax fil-ħajja ta' kuljum,
3) 'il barra mill-familja u l-komunità tal-fidi, barra mill-Knisja.

L-interpretazzjoni mhijiex fatt personali jew privat, 'il barra minn ħdan il-komunità, għax "l-Iskrittura nkitbet mill-Poplu ta' Alla għall-Poplu ta' Alla, taħt l-ispirazzjoni tal-Ispirtu s-Santu" (§30). Għax l-Iskrittura hija l-Ktieb tal-Knisja, ma tistax tiftiehem sewwa 'il barra mill-Knisja.

Fil-§33 il-Papa jkellem b'mod iktar dirett lill-*eseġeti*. Il-Papa jsostni l-argumenti tiegħu fuq dak li tgħid id-*Dei Verbum* §12, biex ikun jista' jagħti linji gwida fix-xogħol tal-interpretazzjoni tal-Iskrittura. Il-Metodu Storiku-Kritiku huwa metodu ta' għajnuna kbira, għax il-fidi Kristjana dejjem tingħax fl-istorja (*Metodu storiku*), u "jeħtieġ li tiġi studjata bil-metodi ta' riċerka



storika serja" (*Metodu kritiku*) (§32). Imma, dan il-metodu waħdu m'huwiex biżżejjed. "Fix-xogħol tagħhom ta' interpretazzjoni, ta' tifsir, l-eseġeti Kattoliċi ma għandhom jinsew qatt li dak li huma qegħdin jinterpretaw hija l-Kelma ta' Alla. Ma jkunux għadhom temmew ix-xogħol tagħhom meta jkunu ddeterminaw l-għejjun tat-testi (*il-kritika testwali*), iddefinixxew il-forom (il-*formgeschichte*) jew fissru proċeduri letterarji (*kritika letterarja*). Ikunu laħqu l-għan veru tax-xogħol tagħhom meta jkunu fissru s-sens tat-test Bibliku bħala l-Kelma ta' Alla għal-lum."

Biex l-element divin tal-Iskrittura (*għax qed nittrattaw il-Kelma ta' Alla*) jiġi apprezzat tajjeb u kif jistħoqqlu, tliet kriterji huma meħtieġa:

1) it-test irid jiġi interpretat bħala parti mill-unità sħiħa tal-Iskrittura (dik li hija "eseġeżi kanonika" – Ngħidu aħna: id-divjet fuq id-divorzju fi żmien Mosè f'Dt 24, 1-4, dak li hemm fil-Ġenesi 1, 27; 2, 24, u dak li fakkar fih Ġesù nnifsu f'Mt 19, 4-6 meħuda flimkien);
2) it-Tradizzjoni tal-Knisja trid tingħata l-post meħtieġ; u
3) l-analoġija tal-fidi tkun rispettata (§35).

Allura: il-metodu Storiku-kritiku abbinat ma' attenzjoni partikulari għad-dimensjoni teoloġika tat-testi Bibbliċi.

Fil-§17, il-Papa jitħadded fuq *it-Tradizzjoni*: "It-Tradizzjoni ħajja hija essenzjali biex il-Knisja tkun tista' tikber fiż-żmien fl-għarfien u fil-li tifhem il-verità rivelata fl-Iskrittura".

"L-Iskirttura Mqaddsa hija l-Kelma ta' Alla miktuba taħt *l-ispirazzjoni* tal-Ispirtu s-Santu. F'dan is-sens, wieħed jagħraf l-importanza sħiħa tal-awtur uman li kiteb it-testi ispirati, u fl-istess ħin Alla nnifsu bħala l-awtur veru" (§19). Allura hawnhekk jidħol bil-qawwa kollha l-vers li nsibu fit-2 Tim 3, 16-17: "[16] L-Iskrittura kollha hija mnebbħa minn Alla, u tiswa biex wieħed jgħallem, iċanfar, iwiddeb u jrawwem fis-sewwa, [17] biex hekk il-bniedem ta' Alla jkun perfett, imħejji għal kull ħidma tajba."

L-aġġettiv li jikkwalifika l-Iskrittura f'dan il-vers, "imnebbħa", għandu żewġ tifsiriet fil-Grieg, għax l-aġġettiv *theópneustos* jista' jkun attiv jew passiv. L-ispirazzjoni tista' tkun passiva (kif normalment hu mifhum): il-kelma umana tirċievi n-nifs ta' Alla u ssir kelma ispirata, kelma minfuħa minn

Alla. Alla jonfoħ fiċ-ċappa ħġieġ maħlul (*il-kliem uman*) u jibdilha f'oġġett artistiku mill-isbaħ (*il-Kelma tiegħu*). Il-kelma tirċievi n-nifs ta' Alla. Imma l-ispirazzjoni tista' wkoll tkun attiva: anzi, propjament l-aġġettiv *theópneustos*, grammatikament, huwa attiv, mhux passiv. Il-Kelma miktuba fil-Bibbja tonfħilna lura lil Alla, tispiralna lil Alla. Santu Wistin qabad din it-tifsira u traduzzjoni attiva tal-aġġettiv, u fil-kitba tiegħu *De Spiritu Sancto*, III, 112, jgħid: "L-Iskrittura hija *theópneustos* mhux biss għax hija 'ispirata (*inspirata*) minn Alla', imma wkoll, u fuq kollox, għax 'tispira (*spirante*) lil Alla'. Id-*Dei Verbum*, 21 tgħid: "Il-Kotba Mqaddsa huma ispirati minn Alla (*ispirazzjoni passiva*) u miktuba darba għal dejjem, jgħaddulna mingħajr tibdil il-Kelma ta' Alla nnifsu, jagħmlu jidwi fil-kliem tal-profeti u tal-appostli l-leħen tal-Ispirtu s-Santu (*ispirazzjoni attiva*)". Il-Kelma fl-Iskrittura tonfħilna lura lil Alla; Alla jaqbeż lura lejna minn ġo dik il-Kelma miktuba.

L-unità tal-Iskrittura hija msejsa fil-fatt li l-Iskrittura kollha tipponta lejn Kristu, il-Verb ta' Alla (§§38-39). Dan ifisser li t-Testment il-Qadim jibqa' validu għall-Kristjani, anke jekk seħħ it-twettiq tiegħu (§40). Ir-relazzjoni intima bejn iż-żewġ Testmenti jeħtieġ li tkun murija kemm f'ambjenti pastorali u kemm f'dawk akkademiċi (§41).

Dwar *l-Ekumeniżmu*, il-Papa jgħid: "Konxju li l-Knisja għandha l-pedament tagħha fi Kristu, il-Kelma Inkarnata ta' Alla, is-Sinodu jixtieq jemfasizza ċ-ċentralità tal-istudji Bibbliċi fi ħdan id-djalogu ekumeniku, immirat lejn espressjoni sħiħa tal-għaqda sħiħa bejn dawk li jemmnu fi Kristu" (§46).

Fl-istess kuntest tal-ekumeniżmu, il-Papa jsemmi l-inizjattiva ta' traduzzjonijiet komuni tal-Bibbja: "Inizjattivi ta' traduzzjonijiet komuni tal-Bibbja huma parti mill-isfida tal-ekumeniżmu. Nixtieq nirringrazzja lil dawk kollha li huma mdaħħlin f'dan ix-xogħol daqstant meħtieġ, u nagħmlilhom il-qalb biex ikomplu fl-isforzi tagħhom" (§46).

IT-TIENI TAQSIMA, *Verbum in Ecclesia* (mill-ġdid: il-*Verbum*), tispjega kif il-Kelma ta' Alla tibqa' ħajja u attiva fil-ministeru tal-Knisja. Din it-taqsima ddawwar l-*ispotlight* fuq kemm il-liturġija tal-Ewkaristija hija mxappa fl-Iskrittura u fl-importanza tal-qari regulari tal-Bibbja. Il-liturġija hija mhux biss il-*framework* privileġġjat li fih tixxandar, tinstema' u tintlaqa' l-Kelma ta' Alla, imma wkoll hija l-għan li għalih l-għarfien mimli fidi tal-Iskrittura jrid dejjem jirreferi (§52). Allura l-*Liturġija bħala l-post privileġġjat tal-Kelma ta' Alla*.

Huwa dmir tad-djakni u s-saċerdoti li jwasslu lill-fidili biex jaraw u jgħixu r-relazzjoni stretta bejn il-Kelma u s-Sagrament (§53). Għal dan il-għan, jeħtieġ li tingħata formazzjoni sħiħa u sfiqa lil dawk li jħabbru l-Kelma ta' Alla waqt il-liturġija: formazzjoni Biblika, liturġika u teknika (§58). Il-Papa jinnota li l-Kristjani (u nuża Kristjani minħabba l-isfumatura ċara ta' dawk li jappartjenu lil Kristu Ġesù) u l-Lhud huma marbuta ħaġa waħda bejniethom żgur fid-devozzjoni tagħhom komuni tal-użu tal-Iskrittura fil-qima, fil-liturġija u fil-fidi tagħhom. Il-Poplu Kristjan jaqsam mal-Poplu Lhudi l-Ewwel Testment: "Nixtieq intenni kemm il-Knisja tivvalorizza d-djalogu mal-Lhud. Kulfejn huwa għall-ġid, ikun tajjeb li jinħolqu opportunitajiet għal-laqgħat u bdil ta' ideat, kemm pubbliċi u kemm privati, biex jgħinu fit-tkabbir ta' għarfien reċiproku, fi stima u kooperazzjoni reċiproka, anke fl-istudju tal-Iskrittura" (§43).

Il-§59 jitħaddet fuq l-omelija. L-omelija hija l-proklamazzjoni li għandha twassal għal:

1) għarfien tal-misteru li qiegħed jiġi ċelebrat;
2) sejħa għal missjoni;
3) tħejjija tal-assemblea biex tistqarr il-Fidi tagħha, u għal-liturġija Ewkaristika.

Il-filosfu Søren Kierkegaard jgħid: "L-umanità hija marida bil-marda qerrieda tal-istorbju. Jeħtiġilha sawma mill-kliem. Jeħtiġilha li xi ħadd jgħajjat f'widnejha, kif darba għajjat Mosè: 'Iskot u isma', Iżraël'" (Dt 27, 9). U l-poeta Charles Péguy (1873-1914), li wara żmien twil ta' anjostiċiżmu, ħaddan, mingħajr ma pprattika, l-Kattoliċeżmu, għandu djalogu bejn il-Knisja u wliedha. Fost l-oħrajn għandu dan xi jgħid dwar il-kwistjoni tal-kliem li jsir paroli fil-Knisja: "Ġesù Kristu ma ġiex fid-dinja biex jgħidilna frivolezzi. Ma għamilx il-vjaġġ mis-sema għal fuq l-art biex jiġi jgħidilna il-ħaġa muħġaġa u ċ-ċajtiet. Ma hemmx iktar żmien x'naħlu! Ma tax ħajtu kollha biex jiġi jgħidilna l-ħmerijiet." Min jafkieku, bħala tħejjija għall-omeliji tagħna, nibdew inħallu iżjed, ħafna iżjed, il-Kelma ta' Alla nnifisha tgħidilna x'għandna ngħidu lilna nfusna, l-ewwel nett, u mbagħad lill-poplu tagħna? Minjafkieku l-istatistiċi, il-film li rajna, ir-rakkonti, il-vjaġġi li għamilna, u l-bqija ... jibdew ikunu ħafna iktar biss imramma fil-ħajt li tibnilna l-Kelma ta' Alla nnifisha?

Il-fidili għandhom jaqbdu b'mod ċar mill-omelija li dak li jkun iħabbar l-omelija għandu fih xenqa radikali biex iwassal lil Kristu Ġesù, l-uniku ċentru

tal-omelija u tal-att liturġiku kollu kemm hu (§59). Fil-paragrafi ta' wara, l-Eżortazzjoni titkellem fuq l-istess linji dwar is-Sagramenti tal-Qrar u tad-Dilka tal-Morda, fuq il-Liturġija tas-Sigħat u ċ-ċelebrazzjonijiet tal-Kelma.

Paragrafu interessanti u utli, il-§72 jiftaħ is-sezzjoni il-*Kelma ta' Alla fil-ħajja tal-Knisja*: "Nesprimi x-xewqa mqanqla tiegħi ta' fjoritura ta' staġun ġdid ta' mħabba iktar intensa għall-Iskrittura Mqaddsa min-naħa tal-membri kollha tal-Poplu ta' Alla, biex il-qari tal-Iskrittura f'attitudni ta' talb u mimli fidi jkun il-mezz li bih, bil-mod il-mod, iwassal għal relazzjoni personali b'għeruq fondi ma' Kristu Ġesù".

Il-qari, ir-riflessjoni u t-talb mill-Iskrittura għandu jkun parti mit-tħeġġiġ tal-operaturi pastorali lill-familji nsara. F'dan ir-rigward, il-Papa jħeġġeġ għal qari iktar assidwu tal-Bibbja (naturalment billi kull familja jkollha l-Bibbja tagħha), għal-*Lectio Divina* .... u għar-Rużarju meditat b'riflessjonijiet qosra mill-Iskrittura nfisha (§§85-88).

**It-Tielet Taqsima**, mill-§§90-120: *Verbum Mundo* (wieħed jerġa' jinnota l-emfasi fuq *Verbum* mill-ġdid), tfakkar "fid-dmir tal-Kristjani li jħabbru l-Kelma ta' Alla lid-dinja li fiha jgħixu u jaħdmu." Benedittu XVI jikteb fuq il-missjoni universali tal-Knisja li xxerred il-Kelma ta' Alla, u fuq id-dmir tagħha li tingasta l-prinċipji tal-Evanġelju fid-dinja sekulari ta' llum.

F'din it-taqsima, *il-missjoni tal-Knsija li tħabbar il-Kelma tà' Alla*, l-Eżortazzjoni titkellem fuq it-tema tal-missjoni u l-evanġelizzazjoni. Il-Kelma ta' Alla mwassla lilna tagħmilna mhux biss semmiegħa imma wkoll ħabbara tagħha, u b'hekk tagħtina sehem mill-missjoni ta' Kristu Ġesù bil-qawwa tal-Ispirtu s-Santu (§91). Il-Kelma li nirċievu aħna hija intiża għal kulħadd; ma nistgħux inżommuha għalina waħidna. La hija l-kelma tal-verità, allura hija ta' kulħadd (§92). Darba Kristu Ġesù qal lil-Lhud: "Jekk tibqgħu fil-kelma tiegħi, tkunu tassew dixxipli tiegħi u tagħrfu l-verità, u l-verità teħliskom" (Ġw 8, 31-32). Il-ħelsien tal-bniedem huwa żgur prijorità fil-moħħ u l-qalb ta' Alla: dan, jgħid Ġesù, iseħħ fil-verità.

Kull parti tas-soċjetà għandha bżonn id-dawl ta' Kristu. "Mhijiex biss kwistjoni ta' predikazzjoni ta' kelma ta' konsolazzjoni, imma pjuttost kelma li tipprovoka, li ssejjaħ għall-konverżjoni u li tiftaħ it-triq għal laqgħa ma' Dak li permezz tiegħu tiffjorixxi umanità ġdida" (§93).



Dan ix-xogħol tat-tħabbir tal-Kelma ta' Alla huwa missjoni ta' kull mgħammed. L-għarfien ta' din il-missjoni "għandu jerġa' jitqajjem f'kull familja, parroċċa, komunità, assoċjazzjoni u moviment ekkleżjali" (§94). Minħabba li ħafna nies, l-aktar fid-dinja tal-Punent, huma "mgħammda imma mhux evanġelizzati kemm imiss", hemm il-ħtieġa ta' evanġelizzazjoni ġdida (§96).

Is-sezzjoni ta' wara, *Il-Kelma ta' Alla u l-impenn fid-dinja* tfakkarna li din il-missjoni ma tistax lanqas tħalli barra lill-foqra (§99) u l-ħtieġa biex s-soċjetà teqred l-inġustizzja minn ġo nofsha (§100).

Ħafna żgħażagħ għandhom xewqa ġenwina li jsiru jafu iktar lil Kristu Ġesù. L-Evanġelju għandu jkun imħabbar lilhom b'mod ċar, u għandhom bżonn li jkunu mgħallma l-Iskrittura biex ikunu jistgħu jaqsmu l-Evanġelju ma' sħabhom ta' mparhom (§104).

Il-fenomenu tal-migrazzjoni jista' jkun opportunità għall-Knisja li twassal lil dawk li jmorru minn post għal ieħor mingħajr ma jkunu semgħu bi Kristu l-valuri tal-Evanġelju (§105).

Is-sezzjoni ta' wara: *Il-Kelma ta' Alla u l-kulturi*. F'dan il-kuntest tal-Inkarnazzjoni tal-Kelma ta' Alla, l-Iskrittura hija l-*medium* li fih Alla jkellem lill-għalliema tar-Reliġjon, lill-artisti, lid-dinja tal-informatika, tidħol fil-fenomenu tal-inkulturazzjoni ... (§§111-114). Inkulturazzjoni vera u ġenwina sseħħ meta "kultura li hija trasformata u riġenerata mill-Evanġelju, xxettel mill-istess tradizzjoni ħajja tagħha espressjonijiet oriġinali ta' ħajja, ċelebrazzjoni u mod ta' ħsieb Kristjani" (§114).

Fis-sezzjoni dwar *Il-Kelma ta' Alla u d-djalogu interreliġjuż*, l-Iskrittura tista' tkun ukoll pont bejn ir-reliġjonijiet l-oħra, imma dan l-isforz għandu dejjem isegwi l-linji mfassla min-*Nostra Ætate* u l-Maġisteru ta' warajha (§118).

Il-Kelma ta' Alla fil-ħajja u l-missjoni tal-Knisja timplika l-inkarnazzjoni tal-Kelma fil-Knisja u fis-soċjetà. Mela Alla ħaseb il-ħsieb tas-salvazzjoni tad-dinja, esternah u qalu, sar Ġesù Kristu, baqa' fil-Knisja u l-Knisja trid twassal dak il-ħsieb ta' Alla lis-soċjetà.

Ħalli nieqfu naqra, nerġgħu passejn lura, ħalli l-kwadru tal-mużjak tal-Eżortazzjoni nħarsu lejh naqra waħda mill-bogħod u nħarsu lejh b'mod

sħiħ, u mhux niffukaw fuq it-tessili li jikkomponuha waħda waħda, u nitilfu l-kwadru ġenerali.

Diġà emfasizzajna biżżejjed kemm l-Eżortazzjoni trid lill-qarrej jiffoka fuq il-Kelma: jisimha ***Verbum*** *Domini*; imqassma fi tliet taqsimiet li t-tlieta għandhom il-kelma *verbum* bħala l-qofol tal-attenzjoni: ***Verbum*** *Dei*; ***Verbum*** *in Ecclesia*; ***Verbum*** *Mundo*. Ninnutaw, però, l-isfumaturi li hemm mal-kelmiet l-oħra li jikkwalifikaw il-kelma *verbum* f'kull każ. Il-*verbum* huwa ta' Alla fit-Titlu tal-Eżortazzjoni, u fit-titlu tal-ewwel taqsima (Verbum *Domini* u Verbum *dei*). Dan il-*Verbum Domini*, dan il-*Verbum Dei* jgħaddi għand il-Knisja (*Verbum in Ecclesia*). Alla ried li l-Kelma tiegħu, il-Kelma li lilu tikxfu quddiem il-ħolqien li ħareġ minn idejh, li lilu tikkomunikah lill-istess ħolqien tiegħu, issib ġuf fejn tintiseġ, titlaħħam u titwieled; issib ħamrija fejn tnibbet, tarmi u tikber, u tagħti l-frott. Għalhekk il-proċess tar-rivelazzjoni mhux

Verbum Dei → Verbum Ecclesia → Verbum Mundo
Il-Kelma ta' Alla → Il-Kelma lill-Knisja → Il-Kelma lid-dinja

imma

Verbum Dei → Verbum ***in*** Ecclesia → Verbum Mund***o***
Il-Kelma ta' Alla → Il-Kelma ***fil***-Knisja → Il-Kelma ***lid***-dinja

Il-Kelma jeħtigilha l-ewwel tgħaddi mill-ġestazzjoni fil-ġuf u l-ħamrija tal-Knisja, biex, wara li tkun tlaħħmet hemm, titħabbar lid-dinja fil-valuri u l-prinċipji katalizzati fil-Knisja nnifisha. Dan hu li fil-metodu tal-*Lectio Divina* huwa l-mument tal-*Meditatio*, fl-elementi tiegħu tal-*gestatio* u l-*expectatio* u *acceptatio*:

Jekk inqisu l-perspettiva ġenerali ta' kif il-Papa Benedittu XVI jaqra l-missjoni tal-Knisja f'dak kollu li jgħid, jikteb u jgħallem, naħseb li ma niżbaljawx meta ngħidu li ċ-ċavetta interpretattiva, ermenewtika tal-Papa Benedettu tirrifletti ruħha fil-perspettiva inkarnazzjonali ta' din l-Eżortazzjoni. Id-dokument mill-ewwel jitfagħna fl-Inkarnazzjoni tal-Kelma, tal-*Logos* ta' Alla ... mhux ta' b'xejn li propju l-bidu huwa riflessjoni fuq il-vers tal-Inkarnazzjoni: "U l-Verb sar laħam u waqqaf it-tinda tiegħu f'nofsna" tal-v.14 tal-Prologu ta' San Ġwann. Issa San Ġwann qiegħed ikun konkretissimu li jsejjes l-analoġija tal-inkarnazzjoni fuq dak li kien isir fil-ħajja ta' kuljum, fejn il-bniedem jara dejjem fejn idaħħal rasu (il-kwistjoni tat-tinda), imma jkun iżjed konkret meta jgħid li l-Verb waqqaf it-tinda tiegħu f'nofsna. U anke billi juża l-kelma *logos*, l-awtur qiegħed jerġa' jinqeda b'inkarnazzjoni f'forma oħra. Ħsieb, idea, kunċett ma jeżistix fil-moħħ biss. Irid jiġi espress f'kelma, disinn, moll, mudell, abbozz ... irid jiġi esternat, verbalizzat b'mod jew ieħor. Imma fl-istess nifs, anzi bl-istess nifs li fih jesprimi din il-konkretezza li ħa l-Verb ta' Alla, qiegħed jgħid: Imma, stennew naqra, għax din il-konkretezza ma rridhiex ittappan il-fatt li dan il-Verb huwa fl-istess ħin Alla nnifsu. Dan jagħmlu billi biex jesprimi l-inkarnazzjoni tal-Verb, jinqeda bi tliet kelmiet li l-Lhud kienu jużaw minflok l-isem ineffabbli ta' Alla. Il-kelma "Verb, kelma" (*memra*) hija isem ieħor li l-Lhud kienu jużaw flok l-isem JĦWH. Il-verb "waqqaf it-tinda tiegħu (bil-Grieg *eskēnosen*) għandu għeruqu fil-kelma Lhuidja *xekinàh* (*skēnē*, tinda bil-Grieg - *xekinàh*) li nafu kif kienet tintuża għall-Preżenza ineffabbli ta' Alla f'nofs il-Poplu Lhudi, speċjalment fit-Tabernaklu li kien jakkumpanjah fid-deżert kulfejn imur. Għall-kelma "glorja" fil-frażi "rajna l-glorja tiegħu", il-Lhud kienu jużaw *j^eqara*, li hija mill-ġdid isem ieħor għal Alla. Allura bl-istess kliem li bihom qed jesprimi li l-Kelma ta' Alla saret laħam, u waqqfet it-tinda tagħha f'nofsna, biex issa l-Preżenza ta' Alla f'nofs il-Poplu tiegħu hija l-bniedem Ġesù Kristu, fl-istess kliem qiegħed jgħid li dik il-Kelma hija Divina, hija Alla. L-inkarnazzjoni tal-Kelma.

Il-bidu tal-Eżortazzjoni jitkellem fuq l-Inkarnazzjoni tal-Verb ta' Alla. Imma l-Eżortazzjoni fiha kapitlu sħiħ ukoll fuq il-Kelma ta' Alla u l-kulturi (§§109-116). U b'kulturi l-Papa jifhem il-kultura in ġenerali bħala espressjoni umana, jifhem l-espressjoni antropoloġika u filosofika tal-valuri anke ta' dawk li ma jemmnux. Jifhem ukoll il-mezzi ta' komunikazzjoni soċjali .... kważi kważi dak li jesprimi Marshall MacLuhan bl-espressjoni: "The medium is the message". Tista' toqgħod iktar għall-Inkarnazzjoni tal-Verb Divin li l-Iben ta' Alla (il-*medium*, il-medjatur, personali għax persuna) sar bniedem, għax il-bniedem huwa l-aqwa mod kif Alla jgħid: Jien inħobb!? B'kulturi l-Papa jifhem ukoll l-espressjonijiet l-oħra kollha li bihom il-bniedem jgħix u jesternalizza lilu nnifsu. Allura l-Papa juri kif mod ta' inkulturazzjoni tal-Kelma ta' Alla huwa x-xogħol metikuluż u serju tat-traduzzjonijiet tal-Bibbja mill-Ilsna Oriġinali għall-espressjonijiet lingwistiċi kollha li bihom jesprimi lilu nnifsu. F'dan ir-rigward irrid insemmi b'radd il-ħajr lil Alla li f'Malta għandna mhux biss iktar minn edizjoni waħda tal-Bibbja mil-lingwi oriġinali, imma għandna anke l-Bibbja kollha bil-Braille għal dawk neqsin mid-dawl u diversi partijiet bil-Lingwa Maltija tas-Sinjali għal dawk li huma *deaf*.

Bħala kategorija ċentrali Kristjana, l-Inkarnazzjoni torbot lill-bniedem ħaġa waħda ma' Alla. L-Inkarnazzjoni, jgħid il-Papa Benedittu fil-§109: "tirrivela wkoll ir-rabta li ma tinħallx li teżisti bejn il-Kelma Divina u l-kliem uman (propjament irridu ngħidu "*t-tkellim Divin u t-tkellim uman" bħala proċessi, aktar milli bħala xi riżultat tal-kapaċità ta' Alla u l-bniedem li jitkellmu*), li permezz tiegħu dan il-kliem uman Alla jikkomunika lilu nnifsu lilna ... Alla ma jirrivelax lilu nnifsu lill-bniedem fl-astratt, imma billi jieħu fuqu lingwaġġi, immaġini u espressjonijiet marbuta ma' kulturi differenti."

Li l-Bibbja mhijiex xi metjorita li waqgħet mis-sema tat-traxxendenza, imma li hija ż-żerriegħa miżrugħa fil-ħamrija tal-istorja huwa fatt storiku-kritiku u teoloġiku li jiċħdu biss il-fundamentaliżmu. Il-qalb u l-qalba tal-Kristjaneżmu hija l-Inkarnazzjoni, jiġifieri fil-*Logos* etern u infinit li jitlaqqam, jingasta u jixxappap is-*sarks*, jiġifieri ż-żmien, l-ispazju, l-eżistenza, il-kultura tal-umanità (Ġw 1, 14).

Benedittu XVI jerġa' jorbot għoqda ma' linja tradizzjonali li fl-Enċiklika *Divino Afflante Spiritu* ta' Piju XII kellha waħda mill-għoqod deċisivi tagħha, Ġwanni Pawlu II, meta indirizza l-Kummissjoni Pontifiċja Biblika fis-27 ta' April 1979, afferma li qabel ma sar *sarks*, laħam fis-sens strett tal-kelma, "l-istess Kelma Divina saret lingwaġġ uman, billi assuma l-mòdi li bihom jesprimu ruħhom diversi kulturi, li minn Abraham sal-Veġġent tal-Apokalissi offrew lill-misteru adorabbli tal-imħabba salvifika ta' Alla l-possibiltà li jsir aċċessibbli u komprensibbli minn ġenerazzjonijiet varji, minkejja d-diversità kbira tas-sitwazzjonijiet tagħhom. F'termini iktar sempliċi, il-Bibbja tippreżenta lilha nnifisha bħala mudell ta' inkulturazzjoni jew akkulturazzjoni kemm fuq livell *lingwistiku*, kemm fuq dak *letterarju*, u wkoll dak *tematiku*.

Fuq livell *lingwistiku*:

1) Saydon kellu bħala għan ewlieni għat-traduzzjoni tiegħu li juri li l-Malti tista' tużah għal xogħol xjentifiku; li t-traduzzjoni tal-Bibbja tgħin fl-iżvilupp tal-lingwa Maltija – ma ninsewx li beda t-traduzzjoni fl-1929, prattikament meta l-Kwistjoni tal-Lingwa kienet fl-aqwa tagħha fit-tletinijiet. Fi kliem il-Prof. Oliver Friggieri: "Saydon bħallikieku jirrevedi l-kompetenzi tiegħu u jistħarreġ miegħu nnifsu kif jista' jħaddimhom għall-kisba ta' tliet għanijiet ewlenin: l-għoti ta' traduzzjoni tal-Bibbja sħiħa lill-poplu Malti, u l-għoti ta' dinjità kbira ħafna lill-Malti bis-saħħa ta' din it-traduzzjoni, u l-għoti ta' Bibbja bil-Malti għall-qadi tal-poplu Malti fi ħdan il-Knisja Kattolika" (*Daħla*, f'Carmel Bezzina, *Saydon: Biblista u studjuż tal-Malti*, Malta: Publikazzjoni Preca 2006, xiv).

2) Fil-lingwaġġ tagħna nużaw xita ta' espressjonijiet meħuda mill-Bibbja: għajn għal għajn u sinna b'sinna; iddawwar ħaddejk; dak li ktibt ktibt; in-nagħġa l-mitlufa; oqbra mbajda; fariżew. L-għargħar fi Brisbane, Queensland ġie deskritt ta' proporzjonijiet Bibbliċi: l-Awstralja mhix fil-Bibbja; Noè ma kien qatt l-Awstralja; u l-arka ma kienet se sservi xejn hemmhekk. Saħansitra fit-teknoloġija tal-informatika, għandna dak li nsejħulu s-sistema algoritmika tax-*Shibboleth*, sistema ta' aċċess individwali ta' *login* jew risorsi protetti b'*boundaries* speċifiċi. L-idea tax-*Shibboleth* ittieħdet mill-Ktieb tal-Imħallfin, fejn insibu r-rakkont ta' Galaad li jieħu taħt idejh l-aċċessi kollha tal-Ġordan. Meta xi ħadd minn Efrajm ried jgħaddi lejn il-Ġordan għaċ-Ċisġordanja, kien hemm *access-points*, *checkpoints* u kienu jistaqsuh biex jgħid il-kelma "**X**ibboleth". Jekk kien jippronunzjaha "**S**ibboleth", kienu joqtluh hemm stess; kien ikun sinjal li ma hux minn Galaad. L-inċident fil-Ktieb tal-Imħallfin bejn żewġ tribujiet tat-Testment il-Qadim, sab ruħu jaqdi s-sistemi algoritmiċi kontemporanji

Fuq livell *letterarju*, wieħed jaħseb biss fil-Ġeneri Letterarji Bibbliċi.

L-oriżżont *tematiku*: fejn nibdew? fejn nieqfu? Arti viżiva, mużika, arti ċinematografika, arkitettura ....

Verbum Domini terġa' ttenni u ttellet dawn l-aspetti.

Jekk naħfnu l-ħsieb ewlieni tal-Eżortazzjoni, u l-ispunti għall-branki kollha li jaħdmu fil-Knisja li toffrilna, imbagħad inġibu fix-xejn dak li kien qal f'battuta realistika ħafna għal dak iż-żmien, il-poeta, kittieb u diplomatiku Franċiż Paul Claudel fl-1946 (għoxrin sena qabel ma l-Konċilju Vatikan II ddefinixxa l-post tal-lajċi fil-Knisja; u qabilhom it-tnejn Dun Ġorġ kien ilu li fehem dan il-post u tahulhom): "Il-kattoliċi għandhom rispett kbir lejn l-Iskrittura. Dan ir-rispett juruh billi joqogħdu 'l bogħod minnha kemm jista' jkun!"